MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 56/2001/1

**P&V Muscat Limited**

**vs**

**Saviour Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fl-24 ta' Jannar, 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas s-somma ta' erba mija zewg liri u hamsa u erbghin centezmu (Lm402.45c) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u lilu kkonsenjata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 26 ta' Novembru 2000, u bl-imghax mid-19 ta' Mejju 2000, li hija d-data tal-konsenja, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi in kwantu t-talbiet attrici huma diretti fil-konfront tal-eccipjent dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici.

Illi l-eccipjent m’huwiex il-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi in effetti l-merkanzija mertu tal-proceduri odjerni nbieghet u giet konsenjata lil John Curmi u konsegwentement it-talba tas-socjeta’ attrici ghandha tigi diretta fil-konfront ta’ l-imsemmi John Curmi.

Illi bla pregudizzju in kwantu diretti fil-konfront tal-eccipjent, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut flimkien ma’ John Curmi kienu marru ghand is-socjeta’ attrici sabiex jordnaw xi attrezzi ghall-bar illi Curmi kien qieghed jiggestixxi fil-*Waterpolo Club* tal-Belt. Peress illi l-konvenut kien jaf lil Vincent Muscat, Direttur tas-socjeta’ attrici, sar arrangament personali bejniethom fejn is-socjeta’ attrici tat *credit* lill-konvenut ghall-attrezzi u armaturi illi xtara. Dawn l-oggetti jidhru kollha elenkati fid-dokument immarkat Dok. VM 1 a Fol. 17,18 u 19 tal-process.

Vincent Muscat ghamilha cara illi huwa ma kienx qed jafda lil John Curmi, illi kellu *credit rating* pjuttost baxx u ghalhekk dan kien arrangament personali bejn Muscat u l-konvenut. Sar ftehim illi l-ammont dovut lis-socjeta’ attrici kellu jithallas b’rati mensili, izda dan il-ftehim ma giex mizmum u Vincent Muscat mar il-bar u ha lura xi attrezzi. Ta’ dan hareg *credit note* illi tidher a fol 20 tal-process.

Minkejja dan, il-bilanc baqa' mhux imhallas, u l-oggetti li jidhru fid-dokumenti fuq imsemmija baqghu fil-pussess ta' John Curmi.

Mhuwiex kontestat bejn il-partijiet illi fil-fatt kien John Curmi l-beneficarju ta' dawn l-oggetti mibjugha mis-socjeta' attrici, izda minhabba n-nuqqas ta' fiducja kummercjali tieghu, s-socjeta' attrici nsistiet illi fuq l-*invoice* kellu jiffirma wkoll il-konvenut. Kemm dan, kif ukoll John Curmi gharfu l-firem taghhom fuq il-fatturi bejn Fol. 17 u Fol. 19 u jikkonfermaw illi huma rcevew l-oggetti ndikati.

Filwaqt illi l-konvenut jibqa' jinsisti illi huwa ma ha xejn minn dawn l-oggetti, izda kienu kollha ntizi ghal John Curmi, dan ta' l-ahhar jirrikonoxxi illi l-oggetti hadhom hu, pero' hadhom fil-prezenza tal-konvenut li wkoll iffirma fuq il-fatturi li rcevihom. Jaccetta wkoll li s-socjeta' attrici ghandha tiehu l-ammont indikat fl-avviz.
Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, ma hemmx xi dubbju illi l-firma tal-konvenut fuq il-fatturi hija ndikazzjoni cara li huwa dahal ghar-responsabbilta' ta' l-oggetti hemm indikati, liema responsabbilta' tezigi ko-rispettiv, fis-sens li ghandha tithallas l-ammont indikat. Dan il-hlas irid isir miz-zewg ricevituri, u cioe' l-konvenut u John Curmi, pero' l-kawza qieghda ntestata biss kontra l-konvenut, li mieghu d-Direttur tas-socjeta' attrici Vincent Muscat ghamel arrangament personali u fuq il-fiducja tieghu afda l-oggetti ndikati fil-fatturi. Kien ghalhekk li huwa nsista li din il-kawza ssir biss kontra l-konvenut peress illi hu kien ta l-kelma illi l-flus kellhom jithallsu. La dan ma sarx, dehrlu li kellu jfittxu kif fil-fatt ghamel f'din il-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' attrici ghamlet sew meta fittxet lill-konvenut Pace, dana l-ghaliex minnbarra l-firma tieghu fuq l-*invoices* kien ukoll prezenti materjalment meta l-oggetti gew konsenjati fil-*bar* u flimkien ma' Curmi ha

pussess taghhom. Kienet ghazla tas-socjeta' attrici lil min tfittex, jew lil Curmi, jew lil Pace, peress illi t-tnejn poggew il-firem taghhom fuq il-fatturi, liema firem jindikaw responsabbilta' ghall-oggetti li hemm indikati u kif inghad konsegwentement il-hlas rispettiv taghhom.

Il-Qorti jidhrilha li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha fi grad li trid il-ligi u l-konvenut Pace ghandu l-obbligu illi jhallas ghal dawn l-oggetti hemm indikati minghajr pregudizzju ghad-dritt tieghu ta' ri-imbors minghand John Curmi.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta' erba' mija zewg u liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm402.45c) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u lilu kkonsenjata.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------